

Il-Ġurnal Uffiċjali L 196

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 63

19 ta' Ġunju 2020

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/847 tat-18 ta' Ġunju 2020 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran** 1

DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/848 tas-16 ta' Ġunju 2020 dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-proposti għal modifiki tar-Regolamenti Nru 13, 14, 16, 22, 30, 41, 78, 79, 83, 94, 95, 101, 108, 109, 117, 129, 137, 138, 140 u 152 tan-NU, fir-rigward tal-proposti għal modifiki tar-Regolamenti Tekniċi Globali Nru 3, 6, 7, 16 u 19, fir-rigward tal-proposta għal emendi għar-Riżoluzzjoni Konsolidata R.E.3. u fir-rigward tal-proposti għal ħames Regolamenti ġodda tan-NU b'rabta mas-sikurezza, mal-emissjonijiet u mal-awtomatizzazzjoni fil-qasam tal-vetturi bil-mutur** 5
- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/849 tat-18 ta' Ġunju 2020 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran** 8
- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/850 tat-18 ta' Ġunju 2020 li temenda d-Deċiżjoni 2014/386/PESK dwar miżuri restrittivi minħabba l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol** 12

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agricoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/847

tat-18 ta' Ġunju 2020

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 tat-23 ta' Marzu 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 46(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Ġholi tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-23 ta' Marzu 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 267/2012.
- (2) Abbażi ta' rieżami tal-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK, il-Kunsill ikkonkluda li l-miżuri restrittivi kontra l-persuni u l-entitajiet kollha fil-lista stabbilita fih għandhom jinżammu, sa fejn l-ismijiet tagħhom ma jissemmewx fl-Anness VI għal dik id-Deċiżjoni.
- (3) Il-Kunsill ikkonkluda wkoll li għandhom jiġu aġġornati għaxar entrati inklużi fl-Anness IX għar-Regolament (UE) Nru 267/2012.
- (4) Għalhekk, ir-Regolament (UE) Nru 267/2012 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IX għar-Regolament (UE) Nru 267/2012 huwa emendat kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Ġunju 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
A. METELKO-ZGOMBIĆ

⁽¹⁾ ĠU L 88, 24.3.2012, p. 1.

L-Anness IX għar-Regolament (UE) Nru 267/2012 huwa emendat kif ġej:

- (1) taħt l-intestatura “I. Persuni u entitajiet involuti f’attivitajiet fir-rigward ta’ missili nukleari jew ballistiċi u persuni u entitajiet li jagħtu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.”, l-entrati li ġejjin jissostitwixxu l-entrati korrispondenti fil-lista stabbilita taħt is-sottointestatura “A. Persuni”:

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
“8.	Ebrahim MAHMUDZADEH		Eks Direttur Maniġerjali ta’ Iran Electronic Industries (ara Parti B, Nru 20) Attwalment id-direttur ġenerali tal-Organizzazzjoni tas-Sigurtà Soċjali tal-Forzi Armati.	23.6.2008
12.	Mohammad Reza MOVASAGH Nia		Eks kap tal-Grupp Industrijali Samen Al A’Emmeh (SAIG), magħruf ukoll bħala Cruise Missile Industry Group. Din l-organizzazzjoni ġiet indikata taħt il-UNSCR 1747 u elenkata fl-Anness I għall-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK.	26.7.2010
25.	Sayed Shamsuddin BORBORUDI (magħruf bħala Seyed Shamseddin BORBORUDI)	Data tat-Twelid: 21.9.1969	Eks Viċi Kap tal-Organizzazzjoni Iranjana tal-Enerġija Atomika indikata min-NU, fejn kien subordinat ta’ Feridun Abbasi Davani, indikat min-NU. Ilu involut fil-programm nukleari Iranjan mill-inqas sa mill-2002, inkluż bħala l-eks Kap tal-akkwisti u l-loġistika f’AMAD, fejn kien responsabbli għall-użu ta’ kumpanniji li jservu ta’ paraventu bħal Kimia Madan biex jinkiseb tagħmir u materjal għall-programm ta’ armi nukleari tal-Iran.	1.12.2011”;

- (2) taħt l-intestatura “I. Persuni u entitajiet involuti f’attivitajiet fir-rigward ta’ missili nukleari jew ballistiċi u persuni u entitajiet li jagħtu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.”, l-entrati li ġejjin jissostitwixxu l-entrati korrispondenti fil-lista stabbilita taħt is-sottointestatura “B. Entitajiet”:

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
“87.	Khala Afarin Pars (magħrufa wkoll bħala PISHRO KHALA AFARIN COMPANY)	L-aħħar indirizz magħruf: Unit 5, 2nd Floor, No 75, Mehran Afrand St, Sattarkhan St, Tehran.	Parteċipazzjoni fix-xiri ta’ tagħmir u ta’ materjali li għandhom applikazzjoni diretta fil-programm nukleari Iranjan.	1.12.2011

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
161.	Sharif University of Technology	L-aħħar indirizz magħruf: Azadi Ave/Street, PO Box 11365-11155, Tehran, Iran, Tel. +98 2166161 posta elettronika: info@sharif.ir	Sharif University of Technology (SUT) għandha għadd ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet tal-Gvern Iranjan li huma indikati min-NU u/jew l-UE u li joperaw foqsmha militari jew marbutin mas-settur militari, b'mod partikolari fil-qasam tal-produzzjoni u l-akkwist ta' missili ballistiċi. Dan jinkludi: ftehim mal-Aerospace Industries Organisation, li ġiet indikata mill-UE, fost l-oħrajn għall-produzzjoni ta' satelliti; kooperazzjoni mal-Ministeru Iranjan għad-Difiża u l-Iranian Revolutionary Guards Corps (IRGC) fil-kompetizzjonijiet marbuta mad-dgħajjes intelliġenti (smart boat competitions); ftehim aktar ġenerali mal-Forza tal-Ajru tal-IRGC li jkopri l-iżvilupp u t-tisħiħ tar-relazzjonijiet, il-kooperazzjoni organizzattiva u strateġika tal-Università; SUT hi parti minn ftehim bejn sitt universitajiet li jappoġġa lill-Gvern tal-Iran permezz ta' riċerka marbuta mad-difiża. Meħuda flimkien, dawn juru li hemm rekord sinifikanti ta' involviment mal-Gvern tal-Iran foqsmha militari jew marbuta mas-settur militari li jikkostitwixxi appoġġ lill-Gvern tal-Iran	8.11.2014";

(3) taħt l-intestatura "II. Islamic Revolutionary Guard Corps", l-entrati li ġejjin jissostitwixxu l-entrati korrispondenti fil-lista stabbilita taħt is-sottointestatura "A. Persuni":

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
"6.	Mohammad Ali JAFARI, IRGC		Eks Kmandant tal-IRGC.	23.6.2008
7.	Brigadier Ġenerali tal-IRGC Mostafa Mohammad NAJJAR		Eks Ministru għall-Intern u eks Ministru tal-MODAFI, responsabbli għall-programmi militari kollha, inkluż il-programmi tal-missili ballistiċi. Attwalment, konsulent għoli tal-Kap tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati.	23.6.2008
8.	Brigadier Ġenerali tal-IRGC Mohammad Reza NAQDI	Post tat-Twelid: Nadjaf, Iraq Data tat-Twelid: 1953	Deputat Koordinatur tal-IRGC. Eks Viċi Kmandant tal-IRGC għall-Affarijiet Kulturali u Soċjali. Eks Kmandant tal-Basij Resistance Force.	26.7.2010
11.	Brigadier Ġenerali tal-IRGC Hossein SALAMI		Kmandant tal-IRGC.	26.7.2010

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elekar
13.	Brigadier Ġenerali tal-IRGC Ahmad VAHIDI		President tal-Università tad-Difiża Nazzjonali Suprema u eks Ministru tal-MODAFL.	23.6.2008".

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/848

tas-16 ta' Ġunju 2020

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-proposti għal modifiki tar-Regolamenti Nru 13, 14, 16, 22, 30, 41, 78, 79, 83, 94, 95, 101, 108, 109, 117, 129, 137, 138, 140 u 152 tan-NU, fir-rigward tal-proposti għal modifiki tar-Regolamenti Tekniċi Globali Nru 3, 6, 7, 16 u 19, fir-rigward tal-proposta għal emendi għar-Riżoluzzjoni Konsolidata R.E.3. u fir-rigward tal-proposti għal ħames Regolamenti ġodda tan-NU b'rabta mas-sikurezza, mal-emissjonijiet u mal-awtomatizzazzjoni fil-qasam tal-vetturi bil-mutur

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE ⁽¹⁾, l-Unjoni aderixxiet mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE, *United Nations Economic Commission for Europe*) li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għal vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jitwāhhlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għar-rikonossiment reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawk il-preskrizzjonijiet (il-"Ftehim Rivedut tal-1958"). Il-Ftehim Rivedut tal-1958 daħal fis-seħħ fl-24 ta' Marzu 1998.
- (2) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE ⁽²⁾, l-Unjoni aderixxiet mal-Ftehim li jstabbilixxi regolamenti tekniċi globali għal vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jitwāhhlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti (il-"Ftehim Parallel"). Il-Ftehim Parallel daħal fis-seħħ fil-15 ta' Frar 2000.
- (3) Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ issostitwixxiet is-sistemi tal-approvazzjoni tal-Istati Membri bi proċedura ta' approvazzjoni tal-Unjoni u stabbilixxiet qafas armonizzat li fiha jinsabu dispożizzjonijiet amministrattivi u rekwiżiti tekniċi ġenerali għal vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati kollha li huma ġodda. Dik id-Direttiva inkorporat ir-regolamenti li ġew adottati taħt il-Ftehim Rivedut tal-1958 (ir-"Regolamenti tan-NU") fis-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, bħala rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip jew bħala alternattivi għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Mill-adozzjoni tad-Direttiva 2007/46/KE 'l hawn, ir-Regolamenti tan-NU ġew inkorporati dejjem aktar fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.
- (4) Skont l-Artikolu 1 tal-Ftehim Rivedut tal-1958 u l-Artikolu 6 tal-Ftehim Parallel, il-Forum Dinji tal-UNECE għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi ("UNECE WP.29") jista' jadotta l-proposti għal modifiki tar-Regolamenti tan-NU, tar-Regolamenti Tekniċi Globali tan-NU (GTRs tan-NU) u tar-Riżoluzzjonijiet tan-NU, kif ukoll proposti għal Regolamenti ġodda tan-NU, għal GTRs ġodda tan-NU u għal Riżoluzzjonijiet ġodda tan-NU li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' vetturi. Barra minn hekk, skont dawk id-dispożizzjonijiet, l-UNECE WP.29 jista' jadotta proposti għal awtorizzazzjonijiet biex jiġu żviluppatti emendi għall-GTRs tan-NU jew proposti biex jiġu żviluppatti emendi għall-GTRs tan-NU u jista' jadotta proposti għall-estensjoni ta' mandati għal GTRs tan-NU.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-għan tal-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet liema jistgħu jkunu fittjati u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għar-rikonossiment reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("Ftehim Rivedut tal-1958") (ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE tal-31 ta' Jannar 2000 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jstabbilixxi regolamenti, tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, apparat u partijiet li jistgħu jitwāhhlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti ("Ftehim Parallel") (ĠU L 35, 10.2.2000, p. 12).

⁽³⁾ Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru) (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1).

- (5) L-UNECE WP.29, waqt il-181 sessjoni tiegħu li se ssir fit-23 ta' Ġunju 2020, jista' jadotta l-proposti għal modifiki tar-Regolamenti Nru 13, 14, 16, 22, 30, 41, 78, 79, 83, 94, 95, 101, 108, 109, 117, 129, 137, 138, 140 u 152 tan-NU, il-proposta għal Regolament ġdid tan-NU dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-integrità tas-sistema tal-fjuwil u tas-sikurezza tas-sistema ta' motopropulsjoni elettrika f'każ ta' ħabta minn wara, il-proposta għal Regolament ġdid tan-NU dwar Test għall-Vetturi Ħfief armonizzat fuq Livell Dinji u għal modifika ta' dak ir-Regolament tan-NU, il-proposta għal Regolament ġdid tan-NU dwar dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward taċ-ċibersigurtà u s-sistema ta' ġestjoni taċ-ċibersigurtà, il-proposta għal Regolament ġdid tan-NU dwar dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-aġġornamenti tas-software u tas-sistema ta' ġestjoni tal-aġġornamenti tas-software, il-proposta għal Regolament ġdid tan-NU dwar dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tas-Sistema ta' Żamma Awtomatizzata tal-Karreġġata, il-proposti għal emendi għall-GTRs Nru 3, 6, 7, 16 u 19 tan-NU, u l-proposta għal emendi għar-Riżoluzzjoni Konsolidata R.E.3. dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi. Barra minn hekk, l-UNECE WP.29 jrid jadotta l-proposta għall-estensjoni tal-mandat għall-GTR Nru 9 tan-NU u l-proposta għall-awtorizzazzjonijiet biex tiġi żviluppata emenda għall-GTR Nru 8 tan-NU u biex jiġi żviluppat GTR ġdid tan-NU dwar id-durabbiltà tal-batteriji ta' ġol-vettura.
- (6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed fisem l-Unjoni fl-UNECE WP.29 relattivament għall-adozzjoni ta' dawk il-proposti, minħabba li r-Regolamenti tan-NU se jorbtu lill-Unjoni u, flimkien mal-GTRs tan-NU u mar-Riżoluzzjoni Konsolidata R.E.3., jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi.
- (7) Fid-dawl tal-esperjenza u tal-iżviluppi tekniċi, ir-rekwiżiti relattivi għal ċerti elementi jew karatteristiċi koperti mir-Regolamenti Nru 14, 16, 22, 30, 41, 78, 79, 83, 94, 95, 101, 108, 109, 117, 129, 137, 138, 140 u 152 tan-NU, kif ukoll mir-Riżoluzzjoni Konsolidata R.E.3., jeħtieġ li jiġu emendati jew issupplimentati.
- (8) Barra minn hekk, ċerti dispożizzjonijiet fil-GTRs Nru 3, 6, 7, 16 u 19 tan-NU jeħtieġ li jiġu emendati.
- (9) Ir-Regolament Nru 13 tan-NU jeħtieġ li jiġi kkoreġut, għalkemm il-bidliet jikkonċernaw il-verżjoni bir-Russu biss.
- (10) Sabiex ikun jista' jsir progress tekniċi u sabiex jittejjeb s-sikurezza tal-vetturi u l-ittestjar tal-emissjonijiet, jeħtieġ li jiġu adottati ħames Regolamenti ġodda tan-NU dwar l-integrità tas-sistema tal-fjuwil u s-sikurezza tas-sistema ta' motopropulsjoni elettrika f'każ ta' ħabta minn wara, dwar it-Test għall-Vetturi Ħfief armonizzat fuq Livell Dinji, dwar iċ-ċibersigurtà u s-sistema ta' ġestjoni taċ-ċibersigurtà, dwar l-aġġornamenti tas-software u s-sistema ta' ġestjoni tal-aġġornamenti tas-software, u dwar is-Sistema ta' Żamma Awtomatizzata tal-Karreġġata. B'mod parallel, jeħtieġ li tiġi adottata emenda għar-Regolament il-ġdid tan-NU fir-rigward tat-Test għall-Vetturi Ħfief armonizzat fuq Livell Dinji, peress li b'hekk, b'mod separat, ikun jista' jsir rikonoxximent reċiproku sħiħ għall-Partijiet Kontraenti li jagħżlu li japplikaw rekwiżiti ġodda li jmorru lil hinn mis-serje 00 oriġinali tar-Regolament, li jkopri r-rekwiżiti reġjonali biss.
- (11) Sabiex ikun jista' jsir żvilupp ulterjuri fir-rigward tar-rekwiżiti tekniċi, jeħtieġ li l-proposti għall-estensjoni tal-mandat għall-GTR Nru 9 tan-NU u għall-awtorizzazzjoni tal-iżvilupp ta' emenda għall-GTR Nru 8 tan-NU u ta' GTR ġdid tan-NU dwar id-durabbiltà tal-batteriji ta' ġol-vettura jiġu adottati abbażi tat-talbiet mill-Partijiet Kontraenti tal-UNECE li jkunu sponsor tal-ħidma fuq il-GTRs tan-NU jew mill-korpi sussidjarji speċjalizzati tal-UNECE WP.29.
- (12) Fis-27 ta' Frar 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/287 (*) dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed fir-rigward tal-GTRs Nru 3, 6 u 16 tan-NU għall-180 sessjoni tal-UNECE WP.29, li saret bejn l-10 u t-12 ta' Marzu 2020. Madankollu, l-UNECE WP.29 ma kienx f'pożizzjoni li jivvota f'dik is-sessjoni u ddeċieda li jerġa' jressaq il-proposti għall-votazzjoni fis-sessjoni ta' Ġunju,

(*) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/287 tas-27 ta' Frar 2020 dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitati rilevanti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti f'dak li għandu x'jaqsam mal-proposti għal modifiki għar-Regolamenti tan-NU Nru 10, 26, 28, 46, 48, 51, 55, 58, 59, 62, 79, 90, 106, 107, 110, 117, 121, 122, 128, 144, 148, 149, 150, 151 u 152, f'dak li għandu x'jaqsam mal-proposti għal modifiki għar-Regolamenti Tekniċi Globali Nru 3, 6 u 16, f'dak li għandu x'jaqsam mal-proposta għal emendi għar-Riżoluzzjoni Konsolidata R.E.5, u f'dak li għandu x'jaqsam mal-proposti għal awtorizzazzjonijiet biex tiġi żviluppata emenda għall-GTR Nru 6 u biex jiġi żviluppat GTR ġdid dwar id-Determinazzjoni tal-Potenza tal-Vetturi li jaħdmu bl-Elettriku (ĠU L 62, 2.3.2020, p. 26).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed fisem l-Unjoni fil-181 sessjoni tal-Forum Dinji tal-UNECE għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi li se ssir fit-23 ta' Ġunju 2020 fir-rigward tal-proposti għal modifiki tar-Regolamenti Nru 13, 14, 16, 22, 30, 41, 78, 79, 83, 94, 95, 101, 108, 109, 117, 129, 137, 138, 140 u 152 tan-NU, fir-rigward tal-proposti għal modifiki tar-Regolamenti Tekniċi Globali Nru 3, 6, 7, 16 u 19, fir-rigward tal-proposta għal emendi għar-Riżoluzzjoni Konsolidata R.E.3. u fir-rigward tal-proposti għal ħames Regolamenti ġodda tan-NU b'rabta mas-sikurezza, mal-emissjonijiet u mal-awtomatizzazzjoni fil-qasam tal-vetturi bil-mutur ⁽⁵⁾ għandha tkun li tivvota favur.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Ġunju 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
A. METELKO-ZGOMBIĆ

⁽⁵⁾ Ara d-dokument ST 8471/20 taħt <http://register.consilium.europa.eu>

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/849**tat-18 ta' Ġunju 2020****li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/413/PESK ⁽¹⁾ dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran
- (2) F'konformità mal-Artikolu 26(3) tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK, il-Kunsill għamel rieżami tal-lista tal-persuni u l-entitajiet indikati li tinsab fl-Anness II għal dik id-Deċiżjoni.
- (3) Il-Kunsill ikkonkluda li għandhom jinżammu l-miżuri restrittivi kontra l-persuni u l-entitajiet kollha fil-lista li tinsab fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK, sa fejn l-ismijiet tagħhom ma jissemmewx fl-Anness VI għal dik id-Deċiżjoni, u li għaxar entrati inklużi fl-Anness II għandhom jiġu aġġornati.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2010/413/PESK tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK huwa emendat kif jidher fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Ġunju 2020.

*Għall-Kunsill**Il-President*

A. METELKO-ZGOMBIĆ

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (ĠU L 195, 27.7.2010, p. 39).

L-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK huwa emendat kif ġej:

- (1) taħt l-intestatura "I. Persuni u entitajiet involuti f'attivitajiet fir-rigward ta' missili nukleari jew ballistiċi u persuni u entitajiet li jagħtu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.", l-entrati li ġejjin jissostitwixxu l-entrati korrispondenti fil-lista stabbilita taħt is-sottointestatura "A. Persuni":

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
"8.	Ebrahim MAHMUDZADEH		Eks Direttur Maniġerjali ta' Iran Electronic Industries (ara Parti B, Nru 20) Attwalment id-direttur ġenerali tal-Organizzazzjoni tas-Sigurtà Soċjali tal-Forzi Armati.	23.6.2008
12.	Mohammad Reza MOVASAGHNIA		Eks kap tal-Grupp Industrijali Samen Al A'Emmeh (SAIG), magħruf ukoll bħala Cruise Missile Industry Group. Din l-organizzazzjoni ġiet indikata taħt il-UNSCR 1747 u elenkata fl-Anness I għall-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK.	26.7.2010
25.	Sayed Shamsuddin BORBORUDI (magħruf bħala Seyed Shamseddin BORBORUDI)	Data tat-Twelid: 21.9.1969	Eks Viċi Kap tal-Organizzazzjoni Iranjana tal-Enerġija Atomika indikata min-NU, fejn kien subordinat ta' Feridun Abbasi Davani, indikat min-NU. Ilu involut fil-programm nukleari Iranjan mill-inqas sa mill-2002, inkluż bħala l-eks Kap tal-akkwisti u l-loġistika f'AMAD, fejn kien responsabbli għall-użu ta' kumpanniji li jservu ta' paraventu bħal Kimia Madan biex jinkiseb tagħmir u materjal għall-programm ta' armi nukleari tal-Iran.	1.12.2011";

- (2) taħt l-intestatura "I. Persuni u entitajiet involuti f'attivitajiet fir-rigward ta' missili nukleari jew ballistiċi u persuni u entitajiet li jagħtu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.", l-entrati li ġejjin jissostitwixxu l-entrati korrispondenti fil-lista stabbilita taħt is-sottointestatura "B. Entitajiet":

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
"87.	Khala Afarin Pars (magħrufa wkoll bħala PISHRO KHALA AFARIN COMPANY)	L-aħħar indirizz magħruf: Unit 5, 2nd Floor, No 75, Mehran Afrand St, Sattarkhan St, Tehran.	Parteċipazzjoni fix-xiri ta' tagħmir u ta' materjali li għandhom applikazzjoni diretta fil-programm nukleari Iranjan.	1.12.2011

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
161.	Sharif University of Technology	L-aħħar indirizz magħruf: Azadi Ave/ Street, PO Box 11365-11155, Tehran, Iran, Tel. +98 2166161 posta elettronika: info@sharif.ir	Sharif University of Technology (SUT) għandha għadd ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet tal-Gvern Iranjan li huma indikati min-NU u/jew l-UE u li joperaw f'oqsma militari jew marbutin mas-settur militari, b'mod partikolari fil-qasam tal-produzzjoni u l-akkwist ta' missili ballistiċi. Dan jinkludi: ftehim mal-Aerospace Industries Organisation, li għet indikata mill-UE, fost l-oħrajn għall-produzzjoni ta' satelliti; kooperazzjoni mal-Ministeru Iranjan għad-Difiża u l-Iranian Revolutionary Guards Corps (IRGC) fil-kompetizzjonijiet marbuta mad-dgħajjes intelliġenti (smart boat competitions); ftehim aktar ġenerali mal-Forza tal-Ajru tal-IRGC li jkopri l-iżvilupp u t-tisħiħ tar-relazzjonijiet, il-kooperazzjoni organizzattiva u strateġika tal-Università; SUT hi parti minn ftehim bejn sitt universitajiet li jappoġġa lill-Gvern tal-Iran permezz ta' riċerka marbuta mad-difiża. Meħuda flimkien, dawn juru li hemm rekord sinifikanti ta' involviment mal-Gvern tal-Iran f'oqsma militari jew marbuta mas-settur militari li jikkostitwixxi appoġġ lill-Gvern tal-Iran	8.11.2014";

(3) taħt l-intestatura "II. Islamic Revolutionary Guard Corps", l-entrati li ġejjin jissostitwixxu l-entrati korrispondenti fil-lista stabbilita taħt is-sottointestatura "A. Persuni":

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
"6.	Mohammad Ali JAFARI, IRGC		Eks Kmandant tal-IRGC.	23.6.2008
7.	Brigadier Ġenerali tal-IRGC Mostafa Mohammad NAJJAR		Eks Ministru għall-Intern u eks Ministru tal-MODAF, responsabbli għall-programmi militari kollha, inkluż il-programmi tal-missili ballistiċi. Attwalment, konsulent għoli tal-Kap tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati.	23.6.2008
8.	Brigadier Ġenerali tal-IRGC Mohammad Reza NAQDI	Post tat-Twelid: Nadjaf, Iraq Data tat-Twelid: 1953	Deputat Koordinatur tal-IRGC. Eks Viċi Kmandant tal-IRGC għall-Affarijiet Kulturali u Soċjali. Eks Kmandant tal-Basij Resistance Force.	26.7.2010

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elekar
11.	Brigadier Ġenerali tal-IRGC Hossein SALAMI		Kmandant tal-IRGC.	26.7.2010
13.	Brigadier Ġenerali tal-IRGC Ahmad VAHIDI		President tal-Università tad-Difiża Nazzjonali Suprema u eks Ministru tal-MODAFL.	23.6.2008*.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/850**tat-18 ta' Ġunju 2020****li temenda d-Deċiżjoni 2014/386/PESK dwar miżuri restrittivi minħabba l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-23 ta' Ġunju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/386/PESK ⁽¹⁾.
- (2) Il-Kunsill ma jirrikonoxxi, u jkompli jikkundanna, l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol mill-Federazzjoni Russa u ser jibqa' impenjat li jimplementa b'mod sħiħ il-politika tiegħu ta' nonrikonoxximent.
- (3) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni 2014/386/PESK, jenħtieġ li l-miżuri restrittivi jiġġeddu sat-23 ta' Ġunju 2021.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/386/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2014/386/PESK, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-23 ta' Ġunju 2021."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Ġunju 2020.

*Għall-Kunsill**Il-President*

A. METELKO-ZGOMBIĆ

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/386/PESK tat-23 ta' Ġunju 2014 dwar miżuri restrittivi minħabba l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol (ĠU L 183, 24.6.2014, p. 70).

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

